**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 3 ta' Lulju 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 76

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 76 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018 fis-1pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
76.5 Rapporti;
76.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
76.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CMHW 49/18 – Offerti għall-Kollezzjoni ta' Skart Domestiku mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
76.8 Aġġornament dwar is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18 - Offerti għas-Servizz ta' Tindif u Knis mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
76.9 Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
76.10 Talbiet mir-Residenti;
76.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
76.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-76 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018 fis-1pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-2:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

Qabel bdiet il-laqgħa, is-Sindku David Schembri talab lill-Kunsill Lokali sabiex tinżamm minuta silenzju b'rispett lejn is-Sur Martin Farrugia, ħu l-Kunsillier Daniel Farrugia, iz-ziju tal-Kunsilliera Daniela Farrugia, kif ukoll missier l-ex Kunsillier Carmelo Farrugia, li ħalla din id-dinja ftit tal-jiem ilu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.1 **<u>QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA</u>**

76.1.1 Is-Sindku David Schembri ppreżenta ittra t'apoloġija li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand il-Viċi Sindku Charles Zerafa bir-raġuni għaliex ma setax jattendi din il-laqgħa.

76.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jilqa' l-ittra t'apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku.

76.1.3 Barra minn hekk, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ta l-awguri tiegħu lill-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-mara tiegħu Grace Marie, il-Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba għal ħajja miżżewwġa feliċi.

76.2 **<u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>**

76.2.1 Il-Minuti tal-75 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

76.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-Minuti.

76.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 76.3, 76.4 u 76.5 jiġu diskussi wara Minuta 76.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Daniel Farrugiq u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud waslet għal-laqgħa fis-1:30pm.*

76.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

76.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol beda u issa d-dawl tneħħa mill-Berġa u allura issa qed nistennew li matul din il-ġimgħa tibda titwaqqa' l-Berġa.

76.6.2 Qal li l-kont pendenti li kien hemm mal-ARMS tħallas mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja u issa jidher li kollox ġie ssettiljat.

76.7 **APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CMHW 49/18 – OFFERTI GĦALL-KOLLEZZJONI TA' SKART DOMESTIKU MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI**

76.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa reġa' ltaqa' wara li kienu rċevuti l-kjarifiċi li l-bord talab għalihom aktar kmieni.

76.7.2 Qal li bħala bord kellu quddiemu tliet offerti wara li l-perjodu għall-aċċettazzjoni tal-offerti kien sal-Ġimgħa 27 t'April 2018.

76.7.3 It-tliet offerti kienu kif ġej:

Offerta 1 - €82,160.00
Offerta 2 - €92,491.36
Offerta 3 - €98,176.00

76.7.4 Spjega kif din is-sejħa għall-offerti kienet bbażata fuq il-prezz, u allura l-Kunsill Lokali kellu r-rakkomandazzjoni li jagħżel Offerta 1 għas-somma ta' €82,160.00

76.7.5 Żied li hu, bħala *Chairperson* tal-bord, jaqbel mad-deċiżjoni tal-bord għar-raġunijiet li jissemmew fir-rapport finali t'evalwazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.7.6 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ipproponiet li l-Kunsill Lokali jaċċetta r-rapport tal-bord t'aġġudikazzjoni u jagħżel Offerta 1.

76.7.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 76.8 AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – SSC 49/18 – OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' TINDIF U KNIS MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

76.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li aktar kmieni llum għalqet is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18.

76.8.2 Qal li b'kollox daħlu żewġ offerti u għalkemm hemm differenza fil-prezz, dan it-tender ser jiġi aġġudikat bis-sistema BPQR, jiġifieri l-prezz mhuwiex kollox.

76.8.3 Spjega kif issa jrid jitlaqqa' l-Bord t'Aġġudikazzjoni u semma' kif ikun għaqli jekk il-Kunsill Lokali jerġa' jsejjaħ lill-persuni tas-soltu, jiġifieri Dr Joseph Mario Sammut bħala avukat, is-Sur Christian Gravina bħala accountant u s-Sur Kenneth Brincat bħala l-persuna teknika.

76.8.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li dan il-Bord għandu jiġi approvat.

76.8.5 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 76.9 AMBAXXATUR/RIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

76.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar ġimgħat irċevejna r-riżenja tas-Sa Yanika Ciappara minn Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.9.2 Qal li dan ifisser li l-post issa huwa vakanti u għaldaqstant ser toħroġ sejħa mill-Kunsill Lokali sabiex naraw liema żgħażagħ huma interessati f'din il-kariga.

76.9.3 Żied li jkun għaqli jekk għallinqas jingħata ċans sal-laqgħa li jmiss sabiex tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill Lokali.

76.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

*Il-Kunsilliera Daniela Farrugia talbet biex tkun skużata mil-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-2pm*

## 76.10 <u>TALBIET MIR-RESIDENTI</u>

76.10.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar korrispondenza bit-titlu **Messaġġ**, dwar installazzjoni ta' mera faċċata ta' residenza u qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jirċievi talbiet simili imma ma nistgħux naċċettaw kull talba li ssir għaliex ser noħolqu preċedent.

76.10.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali għandu jibgħat komunikat li min ikun irid mera faċċata tal-propjetà, din għandu jħallas għaliha hu u jixtriha mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali.

76.10.1.2 Is-Sindku qal li hu qiegħed iressaq din il-proposta filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

76.10.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

76.10.2 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu ***Blind Corner* fi Triq San Nikola** u qal li dan huwa każ simili bħal ta' qablu u allura għandha tintbagħat l-istess risposta li ser tintbagħat lill-persuna l-oħra.

76.10.2.1 Is-Sindku tkellem dwar xi lmenti li waslulu minn residenti minn Triq Sant'Anna li qegħdin jilmentaw li f'ċertu okkażjonijiet, xi karozzi qegħdin jipparkjaw fit-triq, b'mod u manjiera li jagħlqu l-aċċess.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.10.3 Ippropona li għandhom jitwaħħlu tabelli mal-ħajt sabiex jiġi indikat li l-aċċess għat-triq ma jistax jingħalaq.

## 76.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

76.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali kellu talba sabiex jagħmel monument f'ġieħ l-Avukat Ġużé Cassar.

76.3.1.1 Qal li b'kollox bagħtna talba għall-kwotazzjoni lil sitt artisti, imma minnhom kien wieħed biss li wera interess.

76.3.1.2 Żied li min-naħa tagħna tkellimna wkoll mal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u ħadna l-informazzjoni li dan il-monument irid jiġi jiswa bejn wieħed u ieħor is-somma ta' €40,000.

76.3.1.3 Spjega kif il-kwotazzjoni li għandna f'idejna hija għolja mhux ħażin u teċċedi l-€40,000.

76.3.1.4 Fisser kif wieħed irid jara kif ser jinqasmu l-ispejjeż u spjega li jekk tkun viabbli, il-Kunsill Lokali jidħol sabiex jagħmel il-pedestall, għalkemm xorta waħda mhijiex faċli.

76.3.1.5 Qal li sat-13 ta' Lulju 2018 rridu ndaħħlu l-applikazzjoni, u jekk kemm-il darba din tiġi aċċettata, 70% noħduhom mill-ewwel, filwaqt li t-30% l-oħra noħduhom wara.

76.3.1.6 Żied li hu personali lest li japplika f'ismu, u dan minħabba li l-applikazzjoni ma tistax tiddaħħal f'isem il-Kunsill Lokali sabiex jittieħdu fondi minn fond partikolari.

76.3.1.7 Ippropona li l-Kunsill Lokali joħroġ is-somma ta' €10,000 bħala kontribuzzjoni għal dan il-monument.

76.3.1.8 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.3.2 Is-Sindku tkellem dwar possibilità ta' ġemellaġġ mal-belt t'Ise fil-Ġappun.

76.3.2.1 Qal li wara l-laqgħa li kellna mal-Ambaxxatur għall-Ġappun, issa nimxu kif issuġġerixxa hu.

76.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq San Niklaw u qal li x-xogħol miexi ġmielu.

76.3.3.1 Qal li dalwaqt jaslu bit-tarmak sa ħdejn il-ġibjun, imbagħad minn hemm 'il quddiem tidħol il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba li jridu jibdlu l-kanen tal-ilma.

76.3.3.2 Spjega kif meta x-xogħol ser jasal kantuniera ma' Triq Misraħ is-Sinjura ser ikollna ftit problema li rridu nduru magħha, minħabba li hemmhekk hemm fabbrika u ma nistgħux nagħlqu l-aċċess kompletament, u allura rridu naraw kif ser nipproċedu.

76.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li qiegħed isir f'parti minn Triq l-Imqabba u qal li x-xogħol mexa ġmielu u allura issa dalwaqt jingħata t-tarmak.

76.3.5 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara li għamel fi Krakaw, il-Polonja, fuq stedina li waslet minn skola ta' persuna bi bżonnijiet differenti, u qal li kienet esperjenza pożittiva ħafna.

76.3.5.1 Spjega kif f'din l-iskola għamlu kamra multi-sensorjali, l-istess kif hemm fiċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller.

76.3.5.2 Żied li bħala lokalità tawna importanza kbira, anke fid-diskorsi tagħhom, u l-Ħamis li ġej xi studenti minn Dar il-Kaptan ser ikunu qegħdin iżuru l-Ġnien tal-Kmand għal nofstanhar ta' rilassament.

76.3.6 Is-Sindku tkellem dwar mużiċista u kantanta mill-Qrendi, li t-tnejn li huma ħadu sehem waqt seminar li attenda għalih dwar is-saħħa mentali.

76.3.7 Is-Sindku tkellem dwar is-*Solar Cinema* u qal li nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju din ser tkun f'Wied iż-Żurrieq bħala parti mill-V18, filwaqt li l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ħamis 23 t'Awwissu ser ikollna rappreżentazzjoni miċ-*Chinese Culture Centre* f'Misraħ il-Maqluba.

76.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-premju li rċieva l-Kunsill Lokali tal-Qrendi waqt serata tal-għoti tal-unuri organizzata mill-Koperattiva GreenPAK, fejn il-Kunsill Lokali ġie mogħti l-*Most Supportive Locality Award* nhar il-Ħamis 5 ta' Lulju.

76.3.8.1 Barra dan l-unur, ingħatajna wkoll €1,000 sabiex jintużaw fil-lokalità u permezz tagħhom ser ikunu qegħdin inkomplu nirranġaw il-pilastri antiki li għandna fit-toroq tagħna.

76.3.9 Is-Sindku tkellem dwar medalji kommemmorattivi maħruġa mill-Bank Ċentrali, mis-serje *Temples*.

76.3.9.1 Qal li hu kien indispost li jattendi u minfloku attenda l-Kunsillier Daniel Farrugia għall-premjazzjoni li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand il-Bank Ċentrali..

76.3.10 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ tal-Ġnien tal-Warda u qal li bħalissa l-applikazzjoni tinsab quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

76.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-librerija miftuħa li issa hemm fil-Ġnien tal-Warda u qal li din ġiet inawgurata mis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju.

76.3.11.1 Qal li din l-inizjattiva ġibdet ukoll l-attenzjoni tal-media u ġejna mfaħħrin ħafna ta' din l-inizjattiva.

76.3.12 Is-Sindku tkellem dwar iż-żona magħrufa bħala 'fuq il-Ħnejja' u qal li l-bus xelter li hemm preżenti jrid jitneħħa kif ukoll isiru xi sinjali fit-triq.

76.3.12.1 Qal li malli dan il-bus xelter jitneħħa, inkunu nistgħu ndaħħlu applikazzjoni għand l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex nirranġaw din iż-żona.

76.3.13 Is-Sindku tkellem dwar e-mail bit-titlu ***2018 EMW Competition and Grants.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

76.3.14 Is-Sindku tkellem dwar e-mail bit-titlu ***Permit Żurrieq Cimenta*** u qal li jidher li Wied iż-Żurrieq qiegħed jikseb ċertu popolarità mal-Għaqdiet li jkunu jridu jorganizzaw xi ikla ħdejn il-baħar.

76.3.14.1 Qal li s'issa l-permess huwa dak ta' €7, imma jkun għaqli jekk il-Kunsill Lokali jaħseb għal *bye law* sabiex dawn l-attivitajiet ikunu regolarizzati bl-aħjar mod possibbli.

76.3.14.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din it-talba għandha tiġi aċċettata.

76.3.15 Is-Sindku tkellem dwar talba li waslitlu mis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon fuq bażi ta' xogħol.

76.3.15.1 Qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġietu opportunità li ta' kull filgħodu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, ikun fuq l-istazzjon nazzjonali bejn is-7am u d-9am bl-aħbarijiet sportivi.

76.3.15.2 Żied li s-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali li jkun jista' jibda jidħol għax-xogħol fid-9:15am, imbagħad il-ħin mitluf minn filgħodu jaħdmu waranofsinhar, permezz tal-iskema *flexi hours*.

76.3.15.3 Spjega kif din l-opportunità tista' tibda minn Ottubru li ġej, u tkun għall-iskeda tar-radju u t-televiżjoni nazzjonali, jiġifieri sa Ġunju tas-sena d-dieħla.

76.3.15.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta din it-talba u filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda, il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 76.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

76.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsillieri preżenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 76.5 RAPPORTI

76.5.1 Is-Sindku David Schembri staqsa lill-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud fiex wasal ir-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

76.5.2 Il-Kunsilliera Sant Mifsud wieġbet li hija tkellmet mal-Perit Gatt u dan qallha li qiegħed jistenna pjanti ġodda tas-Santwarju sabiex ikunu jistgħu jipproċedu.

76.5.3 Żiedet, li minn dak li qallha l-Kappillan Dun Glen Buhagiar, Din l-Art Ħelwa ma ħadux aktar responsabilità tas-Santwarju u fil-preżent qiegħda tieħu ħsiebu l-Knisja tal-Qrendi.

76.5.4 Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jinħatar koordinatur ta' dan il-proġett u wara diskussjoni mal-Kappillan, hu stess kien maħtur mill-kappillan bħala *Projects Manager*.

76.5.5 Qal li jekk hemm xi ħaddieħor li huwa interessat li jidħol għal din il-kariga, huwa lest li jħalli kollox f'idejn din il-persuna.

76.5.6 Spjega kif fl-artiklu li kitbet il-Kunsilliera Sant Mifsud u li kien ippubblikat fl-aħħar ħarġa tal-Kunsill Lokali, ingħatat l-impressjoni li kienet l-istess Kunsilliera li kienet qiegħda tieħu ħsieb il-proġett tar-restawr.

## 76.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

76.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,915.63 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/18 u €145.37 skont il-*Petty Cash* Ref V/05.

76.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

76.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

76.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 76.12 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

76.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-2:45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 6 t'Awwissu 2018 fis-1pm.

76.12.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin tal-laqgħa.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |